# SKEMA IXTRI PROPRJETÀ SOSTENIBBLI 2025

## 1. It-titolu u l-għan tal-Iskema

L-għotja fuq l-akkwist ta' propjetà residenzjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija hija mfassla biex tappoġġja lix-xerrejja ta' propjetà residenzjali li jixtru djar effiċjenti fl-użu tal-enerġija wara l-1 ta' Jannar 2025. L-għotja tipprovdi sa €9,000, imqassma fuq tliet snin, abbażi tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-propjetà mixtrija.

Din l-Iskema, introdotta mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, għandha l-għan li tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-benefiċċji ta' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u ffrankar ta' spejjeż fit-tul. Billi jippremja lix-xerrejja ta' proprjetajiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija, il-programm mhux biss jippromwovi akkomodazzjoni sostenibbli iżda wkoll jallinja ma' għanijiet ambjentali usa', filwaqt li jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' prattiki ta' bini aktar ekoloġiċi madwar il-pajjiż.

## 2. Tifsir ta' termini

Fl-Avviż kollu kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

(a) "applikant" tfisser persuna li tapplika taħt din l-Iskema;

(b) "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni mwaqqfa minn Artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, (Kap 623);

(c) "benefiċjarju" tfisser kull persuna li tibbenefika taħt din l-Iskema; u meta ssir applikazzjoni għal żewġ benefiċjarji flimkien, għandha tinkludi l-benefiċjarji kollha in solidum;

## 3. Kundizzjonijiet tal-Iskema

Taħt din l-Iskema, hemm disponibbli żewġ (2) għotjiet distinti; madankollu, kull proprjetà hija eliġibbli għal għotja waħda biss (1) u kull benefiċjarju jista' jirċievi għotja waħda biss (1) għal proprjetà waħda. Kull applikant li jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda (1) lill-istess benefiċjarju jrid jirtira l-applikazzjoni kollha ħlief waħda; jekk dan ma jsirx, dan jirriżulta fi skwalifika mill-Iskema.

**Għotja għal proprjetajiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija 20% aħjar (irreferi għat-tabella hawn taħt) mir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (Dokument F)**

Ammont: €4,500

Tul ta' żmien: mifrux b'mod ugwali fuq tliet (3) snin

Eliġibilità: Applikabbli għall-proprjetajiet mibnija jew rinovati skont ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (Dokument tekniku F) fis-seħħ matul iż-żmien tal-kostruzzjoni, u bi klassifikazzjoni taċ-Ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC) ta' 20% aħjar mir-rekwiżiti stabbiliti f'Figura 1

Żborż annwali: €1,500 fis-sena

*Figura 1. It-tabella li ġejja turi l-klassifikazzjonijiet minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (l-aħħar verżjoni tad-Dokument tekniku F fl-1 ta' Lulju 2024) biex jikkwalifikaw għall-iskema*

| ***Kriterji ta' eliġibilità: rendiment fl-użu tal-enerġija*** | | |
|---|---|---|
| ***Kategorija tal-bini*** | ***Abitazzjonijiet*** | |
| | ***Domanda massima għall-enerġija f' (kWh/m ². yr)***<br><br>***Bini mingħajr potenzjal solari*** | ***Domanda massima għall-enerġija f' (kWh/m ². yr)***<br><br>***Bini bil-potenzjal solari*** |
| *Terraced House* | *40* | *12* |
| *Fully Detached Villa* | *40* | *8* |
| *Fully Detached Bungalow* | *40* | *8* |
| *Semi-Detached Villa* | *32* | *8* |
| *Ground Floor Maisonette* | *52* | *52* |
| *Mid-Floor Flat* | *40* | *24* |
| *Top Floor Flat/Maisonette* | *54* | *24* |

*L-Awtorità toħroġ l-ammonti annwali rispettivi lill-benefiċjarji magħżula;*

*(a) l-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sa Settembru tas-sena 2025 wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-ħlas taħt din l-Iskema jsir darba fis-sena.*

*(b) l-għotja annwali ta' din l-iskema tiġi depożitata fil-kont bankarju tal-benefiċjarju;*

*(c) Kull sena qabel ma jinħareġ pagament, l-applikanti jintrabtu li jissottomettu sa Settembru, konferma tad-dettalji kif mitluba mill-Awtorità sabiex ikun jista' jiġi approvat il-pagament li ġej;*

*(d) fil-każ li l-applikanti jissottometti l-applikazzjoni tagħhom wara d-data stipulata fi klawsola 3 (c), jitilfu l-għotja rispettiva tagħhom għal kull sena ta 'sottomissjoni tard tal-applikazzjoni.*

4. Metodu ta' applikazzjoni

(a) Persuna li tikkwalifika taħt din l-Iskema għandha tissottometti applikazzjoni fuq il-formola onlajn preskritta mis-sit elettroniku tal-Awtorità;

(b) L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa wara l-iffirmar tal-att;

5. Validità tar-rikors

Biex tkun valida l-applikazzjoni trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin: -

(a) L-applikazzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta u għandha timtela kif xieraq u kompletament;

(b) L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata bid-dokumenti kollha meħtieġa;

6. Kwalifiki li għandhom japplikaw

(a) Il-benefiċjarji huma ċittadini Maltin u/jew ċittadini tal-UE. Iċ-ċittadini tal-UE jridu jissodisfaw il-kriterji maħruġa minn kwalunkwe Awtorità u/jew mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Fil-każ ta' koppji miżżewġa/żewġ persuni li jkunu daħlu f'Unjoni Ċivili u li ma jkunux legalment separati, parti waħda trid tkun ċittadin Malti jew ċittadin tal-UE;

7. Skwalifiki

Persuni ma jikkwalifikawx biex jagħmlu applikazzjoni taħt din l-Iskema jekk: -

(a) l-att ta' akkwist ġie ffirmat qabel l-1 ta' Jannar, 2025;

(b) il-bini mixtri meta nbena jew ġie rinovat, ma kienx skont ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija fis-seħħ matul iż-żmien tal-kostruzzjoni jew tar-rinnovazzjoni kif applikabbli;

(c) il-proprjetà ma tkunx proprjetà residenzjali;

(d) il-proprjetà għandha xi kaldaruni awtonomi li jaħdmu bil-karburanti fossili installati;

8. Telf tal-għotja

L-għotja tiġi sospiża immedjatament f'każ li l-proprjetà tiġi trasferita lil terzi persuni. F'każ li koppja takkwista l-proprjetà flimkien u ż-żwieġ jew ir-relazzjoni tagħha tiġi terminata u parti waħda mill-koppja tiddeċiedi li żżomm il-proprjetà, allura l-grant li jkun fadal, tibqa' tingħata lill-benefiċjarju li jkun żamm il-proprjetà kollha kemm hi.

9. Trasferiment ta' proprjetà

F'każ li l-benefiċjarji jkunu jridu jittrasferixxu l-proprjetà akkwistata lil terzi qabel ma jgħaddu t-tliet (3) snin, dawn iridu jinfurmaw lill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni malli jiffirmaw il-konvenju. L-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni se twaqqaf l-għotja approvata taħt din l-Iskema kif xieraq.

10. Informazzjoni

L-Awtorità tista' titlob lill-applikanti/benefiċjarji biex jiffirmaw u jikkonfermaw kull dikjarazzjoni f'kull forma, anke taħt ġurament, li tista' tqis meħtieġa għat-twettiq ta' din l-Iskema. L-Awtorità tirriserva d-dritt li tikkuntattja kull dipartiment/entitajiet governattivi għall-ipproċessar/verifika tal-applikazzjoni u għalhekk l-applikanti/benefiċjarji jagħtu l-kunsens tagħhom għal tali ġbir ta' informazzjoni.

11. Spezzjonijiet u drittijiet ta' verifika

L-Awtorità tirriserva d-dritt li tagħmel spezzjonijiet ta' kull proprjetà li tibbenefika minn din l-Iskema. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru f'kull ħin raġonevoli biex tiġi żgurata l-osservanza tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskema. Il-benefiċjarji huma meħtieġa jipprovdu aċċess għall-proprjetà u kull dokumentazzjoni meħtieġa mitluba mill-BCA għal dan il-għan.

12. Piena għal informazzjoni falza

Jekk f'xi żmien, jirriżulta li l-applikanti/benefiċjarji jkunu għamlu dikjarazzjoni falza jew taw informazzjoni/dokumenti skorretti għall-finijiet ta' xi applikazzjoni, mingħajr preġudizzju għal xi penali li setgħu saru responsabbli għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikanti/benefiċjarji jkunu responsabbli għall-ħlas lill-Awtorità, ta' multa li l-Awtorità jidhrilha xierqa.

Huma jiġu wkoll skwalifikati għal perjodu ta' ħames (5) snin milli jibbenefikaw minn xi skemi mill-Awtorità u jitilfu d-dritt għal xi benefiċċju taħt din l-Iskema.

Dikjarazzjoni/dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jwasslu wkoll lill-applikant/benefiċjarju għall-bidu ta' proċeduri kriminali kontrih.

13. Applikazzjonijiet abbandunati

Meta xi applikant taħt din l-Iskema jwaqqaf l-ipproċessar tal-applikazzjoni, l-applikazzjoni titqies li ġiet abbandunata u kull spiża u depożitu mġarrba mill-applikanti/benefiċjarji b'konnessjoni mal-applikazzjoni tagħhom, ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati mill-applikanti/benefiċjarji kemm jekk l-applikazzjoni tagħhom tirnexxi kif ukoll jekk le.

14. Dritt ta' rifjut

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din l-Iskema, l-Awtorità jkollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

15. Tul ta' żmien tal-Iskema

Din l-Iskema tibqa' miftuħa kif ħabbret l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni. L- Awtorità tirriserva d-dritt li ma tibqax taċċetta applikazzjonijiet.

16. Interpretazzjoni

F'każ li t-test Malti jkun differenti mit-test Ingliż, it-test Malti jirbaħ.

17. Emenda tal-Iskema

L-Awtorità jkollha d-dritt li tagħmel xi emendi għal din l-Iskema. Dawn l-emendi jistgħu jsiru applikabbli retroattivament. Ebda emenda m'għandha tissoġġetta lill-Awtorità għal azzjoni għad-danni jew għal xi azzjoni legali oħra.